MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 703/2012

**P.M.C. & Sons Limited**
**vs**
**John Mary Casha**

Ra l-avviz datat 16 t' Ottubru, 2012 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet:

Illi l-esponenti fuq inkarigu tal-konvenut stess affettwa xoghol ta' garr ta' materjal minn gewwa sit f'Birkirkara, l-istess xogholijiet li ammontaw ghal tlett elef erba' mija u tlieta u erbghin Ewro (€3,443);

Illi l-konvenut kien interpellat kemm il-darba sabiex ihallas izda dan baqa' 'nadempjenti;

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali datat 30 ta' Mejju, 2011 u bl-imghax u b'hekk il-konvenuti jibqghu ngunti ghas-Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 21 ta' Novembru, 2012 fejn ippremetta:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont ma hu dovut kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.

Ra l-atti kollha.

**Xehed Joseph Zahra** (Direttur ta' PMC & Sons Limited) li ddikjara illi l-ammont ta' tlett elef erba' mija u tlieta u erbghin Ewro (€3,443) huwa dovut u ghadu dovut illum u huwa ghax-xoghol ta' skavazzjoni li kienu ghamlu fuq inkarigu tal-istess Sur Casha. Fir-rigward tal-imsemmija tpaccija tal-crane provdut da parti tal-konvenut qal li Casha kien offra li jiehdu l-'*crane'*. Kienu accettaw li jippruvawh. Pero` mal-ewwel gurnata meta kienu f' Bugibba hdejn il-*salt pans*, konna hadnieh fil-post taghna imma mill-ewwel dan ma ghogobhomx. Fil-fatt meta kien uzah il-lavrant mill-ewwel kien qata' l-*wire* tal-*crane* stess u fil-fatt kien informa lil Casha illi ma kienx interessat li jiehu l-*crane*. Kienu avzawh xi tliet darbiet biex jigi jigbor il-*crane*. Meta hadu l-crane kienu ccekjaw il-logbook, fil-fatt kien hemm hafna multi u infatti din kienet wahda mir-ragunijiet li ma accettawx il-*crane* ghax ma riedux dawn il-problemi. Qatt ma sar xi ftehim jew xi haga bil-miktub quddiem xi Nutar u qatt ma saru *transfers*. Mistoqsi jekk hadux il-crane sena qabel: ma dehrlux li hadux sena qabel, imma

zgur li ma uzawhx biex jsiru x-xoghlijiet tas-sorte. Kienu hallew l-*crane* fil-bitha li kienu juzaw qabel. Din il-bitha, l-post fejn hallew il-*crane*', hi mikrija lil terzi imma kienu hallew l-*crane* hemm.

Keith Camilleri l-*accountant* tas-Socjeta` attrici kkonferma illi l-ammont ghadu kollu dovut sallum u li kien ghall-xoghol li sar sentejn jew tlett snin ilu.[1]

John Mary Casha l-konvenut iddikjara illi hu jaghmel xoghol ta' bennej u kienu saru hbieb u tkellmu li jaghmlu x-xoghol flimkien. Kien iltaqa` ma` Joseph Zahra tal-PMC & Sons Limited. Iddikjara illi ftehmu li dan kien partattulu *crane* max-xoghol.

Il-*crane* kien stmat tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500). Kienu z-zewg partiiet bi qbil li kienu tawh stima. Tajulu bil-patt u l-kundizzjoni li jaghtih ukoll xoghol fil-valur ta' sebat elef Ewro (€7,000). Ikkontesta illi l-flus huma dovuti ghaliex:

*"L-ewwel irrid nghid illi dak l-ammont ma nafx ghal xiex qed jitolbu. Nghid illi jiena ghamilli bhala xoghol ghamilli xi 51 vjagg fis-somma totali ta' tmien elef ewro u disa mija (€8,900). Qatta' il-blat bil-valur ta' erbat elef u hames mija (€4,500). Nghid illi tal-blat jiena kont hallastu. Ghal dawk il-vjaggi li kien ghamilli hallastu sitt elef (6,000) u allura li kien jifdal kien elfejn u disa' mija (2,900) li taghhom tajtu crane, u ghalhekk li jifdal hu ghandu jaghtini, ghandu jaghtini sitt mitt ewro (€600). Dan il-crane hadu xi sena qabel, uzah, hadem bih, jigifieri dan accettah. Il-crane ghadu ghandhom sallum".*

*"Ghalhekk huwa hu li ghandu jtini sitt mitt Ewro (€600)".*

Il-*crane* hadu sena qabel u ghadu ghandhom sallum. Meta tah il-*crane* kien ghadu f'kundizzjoni tajba pero` t-tifel ma ridtx ikompli b'dan ix-xoghol u ghalhekk tajhulu. F'sena qatt ma qalu li kellu l-problemi. Kienu ghamlu ftehim li jahdmu flimkien infatti daqs kemm kien jeqred kien ihallsu qabel ma jithallas hu. Kienu ghamlu xoghol ghal Richard Busuttil. Fir-rigward tal-*crane* meta qallu li ma riedx ikompli dak inhar stess kien qabad il-'*log book'*

[1] Ara invoices in atti

tal-*crane*, karta tal-Perit, il- VRT tal-crane u waddabhom gol-blat. Ma jafx jekk qatt gabarhom jew le.

Il-crane kien xtrah sitt elef Maltin (Lm6,000) u skont ix-xhud l-attur fadallu jaghtih sitt mitt Ewro (€600). Mistoqsi jekk kellhux citazzjonijiet jew le qal li "*ma nafx li kellu citazzjonijiet fuqu*". Ikkonferma illi qatt ma ffirma l-*log book* tal-*crane* u ma kienx jaf li kien hemm citazzjonijiet fuq il-*crane*. Il-*crane* kien hadu tal-PMC, u hadu mis-Salina hu, u wzawh ghax-xoghol. Iva, kkonferma illi rah, uzah u ghamel ix-xoghol bih fil-plant tieghu. Damu xi sena jahdmu bil-*crane*, u ma kienx ser jiehdu lura, anke jekk ghamel xahar ma kienx ser jiehdu lura ahseb u ara, ghax kien fdih. "*Id-data ezatt ta' meta tajtu l-crane ma niftakarx"*. Iddikjara illi kien tah b'sebat elef Ewro (€7,000) xoghol u l-*crane*.

It-Tribunal jikkunsidra illi hawn *si tratta* ta' xoghol bi ftehim bejn zewg partijiet li jahdmu flimkien li spicca hazin. Jidher illi kien hemm ukoll ftehim dwar tpartit ta' *crane* u xoghol pero` filwaqt li s-Socjeta` attrici tghid li ma qablux anzi li wara gurnata li uzaw l-imsemmi crane ma ghogobhomx u riedu li jiehduh lura. Jidher illi l-*log book* inghata lis-Socjeta' attrici. Jidher illi kien hemm disgwid dwar dan ukoll. Infatti l-konvenut jghid li l-*logbook* kien fil-pussess ta' Joseph Zahra kif ukoll it-test tal-VRT. Illi pero' l-konvenut ma ffirmax il-*log book* illi kieku ffirma il-*log book* kien jikkorrobora l-verzjoni tieghu illi dak inhar tahulu u hu hadu bhala proprjetarju.

**"Farrugia vs Farrugia"** (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) fejn intqal li:-

*"l-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

Illi jidher illi t-Tribunal qatt m'hu ser jsir jaf il-verita` ta` x'ezatt ftehmu l-partijiet pero` fic-cirkostanzi jhoss illi min-naha peress illi qatt ma ffirma l-*log book* ghandu jilqa' t-talba tas-Socjeta` attrici u l-fatt

li ma hemmx evidenza ta’ ebda nterpellanza li riedu li jiehdu l-*crane* lura juri min-naha l-ohra li ghandu ghalhekk jittiehed in konsiderazzjoni u l-fatt li ghadu fil-pussess tas-Socjeta’ attrici. Lanqas ma hemm ebda prova tac-citazzjonijiet imsemmija.

Il-*crane* ghadu jghajjat lill-konvenut u ghalhekk ghadu proprjeta` tieghu u ghalhekk ghanda titnaqqas somma talli qatt ma nterpellawh jiehu l-*crane* lura u ghalhekk baqa’ fil-pussess taghhom.

**Decide**

Ghalhekk ***arbitrio boni viri*** jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa` t-talba tas-Socjeta’ attrici in parti fl-ammont ta’ elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300).

Spejjez a karigu taz-zewg partijiet f’partijiet ugwali.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------